MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 59/2003

**Josephine maghrufa bhala Guza Saliba.**

**vs**

**Carmen Buttigieg, France Cumbo, Joseph Cumbo, Grace Delia, Mary Randich, Anton Cumbo u Charles Cumbo.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 21 ta' Jannar 2003 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi permezz ta' kuntratt ippubblikat fit-tlettax (13) ta' Awissu elf disgha mija u wiehed u disghin (1991) fl-atti

tan-Nutar Dottor Joseph Lia (Dok."SJ 1"), l-attrici kkostitwiet ruhha debitur ta' Ursola Cumbo (illum mejta) fl-ammont ta' sitt elef disa' mija u sittin lira Maltija (Lm6,960 = €16,212.44) liema ammont kellu jithallas permrezz ta' pagamenti mensili ta' hamsin lira Maltija (Lm50 = €116.47) kull xahar;

Illi ghalkemm f'dan id-dejn kien hemm ukoll element ta' uzura qawwija, l-attrici hallset id-dejn;

Illi *inoltre* l-attrici kienet tat b'rahan lil Ursola Cumbo diversi oggetti tad-deheb b'riferenza ghad-dejn fuq imsemmi u li sallum ghadu ma nghatax lura;

Illi permezz ta' rikors ipprezentat minn ulied Ursola Cumbo fl-20 ta' Marzu 2002 (numru 44/2002) wara li ppremettew li kien ghadu ma thallas xejn mill-ammont fuq imsemmi, talbu l-bejgh bl-irkant tal-fond numru 39, Paula Hill, Paola (Dok "JS 2");

Illi l-attrici hija proprjetarja ta' nofs indiviz biss tal-fond numru 39, Paola Hill, Paola;

Illi *inoltre* l-proceduri tas-subbasta huma nulli u minghajr ebda effett *stante* li l-konvenuti naqsu milli jottemperaw ruhhom ma' dak li jiddisponi l-**artikoli 253 u 259 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12);**

Illi l-konvenuti debitament interpellati sabiex jirtiraw il-pretenzjoni taghhom, baqghu inadempjenti u ghalhekk kellhom isiru dawn il-proceduri;

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-proceduri tas-subbasta numru 44/02 fl-ismijiet **Carmen Buttigieg et vs Josephine *sive* Guza Saliba** huma nulli u minghajr ebda effett peress li l-konvenuti naqsu milli jsegwu dak li jiddisponi l-**Artikolu 253 u 259 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Proceduri**

**Civili (Kap.12)** qabel ma gie pprezentat ir-rikors ghall-bejgh bl-irkant tal-fond numru 39, Paola Hill, Paola.

2. F’ kull kaz u minghajr pregudizzju ghall-ewwel talba, tiddikjara li l-attrici m’hijiex debitur tal-konvenuti u tordna r-revoka tas-subbasta numru 44/02 fl-ismijiet **Carmen Buttigieg et vs Josephine *sive* Guza Saliba**.

3. F’kull kaz u minghajr pregudizzju ghall-ewwel u t-tieni talba, u f’ kaz li dawn jigu michuda tiddikjara li l-bejgh bl-irkant ghandu jkun limitat fuq in-nofs indiviz tal-fond numru 39, Paola Hill, Paola peress li n-nofs l-iehor huwa propjeta` ta’ wlied l-attrici bhala eredi ta’ missierhom Paul Saliba li miet fit-28 ta’ Mejju 1990.

4. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li tiffissa din l-Qorti jirritornaw id-deheb kollu il-attrici kienet tat lill-awtrici tal-konvenuti.

5. Fin-nuqqas tikkundanna lill-konvenuti jhallsu dik is-somma li tigi likwidata mill-Qorti (jekk hemm bzonn bl-opera ta’ periti nominandi) bhala l-valur tad-deheb fuq imsemmi.

Bl-ispejjez [inkluz dawk ta’ l-ittri legali tad-29 ta’ Jannar 2001, tat-23 ta’ Frar 2001, 10 ta’ Mejju 2002 u 27 ta’ Mejju 2002] kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 4 sa 15 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tal-25 ta’ Novembru 2003.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Carmen Buttigieg, France Cumbo, Joseph Cumbo, Grace Delia, Mary Randich, Anton Cumbo u Charles Cumbo datata 10 ta’ Gunju 2004 a fol. 36 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament, l-ewwel talba attrici ghandha tigi skartata *stante* illi qabel ma l-attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex *"tiddikjara li l-proceduri tas-subbasta numru 44/02 fl-ismijiet Carmen Buttigieg et vs Josephine sive Guza Saliba huma nulli u minghajr ebda effett",* l-attrici kellha titlob sabiex il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi illi s-subbasta in kwistjoni hija nulla u minghajr ebda effett u sussegwentement tordna illi tieqaf definittivament u dan *in vista* tal-fatt illi l-istess subbasta tinsab illum sospiza;

2. Illi *in linea* preliminari wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma konfuzi kif jista' jigi ppruvat ahjar fil-mori tal-kawza;

3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghal permess, l-ewwel talba attrici hija kompletament *fuori luogo stante* illi s-subbasta giet ezegwita *proprio ai termini* ta' **artikolu 253 (b)** u dan meta kien hemm kuntratt pubbliku ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 13 ta' Awissu 1991 ezibit mill-attrici stess u mmarkat bhala Dok "JS 1". *Se mai* kellha tigi istitwita kawza separata mill-attrici sabiex tattakka dan il-kuntratt u tigi ottenuta sentenza definittiva tal-Qorti li tiddikjarah null u bla effett;

4. Illi fil-mertu u f'dak li jirrigwarda wkoll l-ewwel talba attrici, jigi eccepit illi l-**artikoli 253 u 259 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili** citati mill-attrici ma jittrattawx il-proceduri ghat-tmexxija tal-edukazzjoni ta' titoli ezekuttivi. *In effetti*, f'dak li jirrigwarda **artikolu 253**, dan jindika biss dawk li huma t-titoli ezekuttivi fil-kamp civili u mhux procedura ghat-tmexxjia ghall-ezekuzzjoni ta' l-istess. Min-naha l-ohra **Artikolu 259** dan jikkontempla proceduri ghall-ezekuzzjoni wara l-gheluq ta' hames snin mit-titolu ezekuttiv. Illi fil-kaz odjern it-titolu gie rez ezekuttiv permezz ta' ittra ufficjali u allura ma japplikawx il-proceduri tat-trapass tal-hames snin. Ghaldaqstant dawn l-artikoli ma jikkostitwixxux raguni ghaliex il-bejgh bl-irkant ghandu jigi dikjarat null u bla effett. Illi ghalhekk il-proceduri segwiti fir-rigward tas-subbasta Nru: 44/02 huma korretti ai *termini* tal-ligi;

5. Illi fil-mertu u f’dak li jirrigwarda l-allegazzjonijiet attrici illi s-self kellu element ta’ usura qawwija, dawn huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi fl-ewwel lok u *ai termini* tal-kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu fl-atti tan-Nutar Joseph Lia datat 13 ta’ Awissu 1991 ezebit mill-attrici bhala Dok. “JS 1”, l-imghax gie kkalkolat mill-konvenuti *et* bir-rata ta’ 8% mit-30 ta’ Awissu 1991 sat 2 ta’ Marzu 2002 u ghalhekk skond l-imghax permess mil-ligi. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal dak kollu li nghad, l-istess citazzjoni ma taghti l-ebda ndikazzjoni ta’ fatti jew cirkostanzi li setghu jikkostitwixxu uzura;

6. Illi f’dak li jirrigwarda t-tielet talba tal-attrici, din hija superfluwa u dan *stante* illi *in effetti*, fir-rikors ghas-subbasta pprezentat mill-konvenuti *et* (hawn anness u mmarkata bhala Dok. “CE 1”), gie mitlub il-bejgh bl-irkant ta’ nofs indiviz <u>biss</u> tal-fond numru 39, Paola Hill, Paola u mhux tal-fond kollu. Dan jikkonfermah ukoll il-fatt illi kif imsemmi wkoll fl-istess rikors, tezisti ipoteka specjali hawn annessa u mmarkata bhala Dok. “CF 2”, favur il-konvenuti *et* ta’ nofs indiviz biss tal-fond surreferit. *Inoltre*, kienet giet ipprezentata nota hawn annessa u mmarkata bhala Dok. “CE 3”, mill-konvenuti *et* fl-atti tas-subbasta Nru. 44/02, fejn rega’ gie ccarrat illi s-subbasta kellha ssir biss ghas-sehem indiviz tal-proprjeta` surreferita;

7. Illi, ukoll fil-mertu u f’dak li jirrigwarda r-raba’ talba tal-attrici l-konvenuti *et* m’ghandhomx u qatt ma kellhom oggetti tad-deheb appartamenti lil Josephine Saliba fil-process taghhom. Illi minghajr pregudizzju ghal din l-eccezzjoni, jekk l-attrici qed titlob li jigi ritornat xi deheb, *semmai*, dan kellha taghmlu permezz ta’ kawza separata;

8. Illi fil-mertu wkoll, l-attrici ghad trid tipprova fuq liema bazi qed tallega illi l-ammont ta’ sitt elef disa’ mija u sittin lira Maltin (Lm6,960 = €16,212.44) minnha dovut thallas lill-konvenuti *et* fl-*intier* tieghu u dan ukoll konsiderando l-fatt illi jezisti kuntratt pubbliku ta’ kostituzzjoni ta’ debitu validu bejn il-partijiet liema kuntratt ma giex rexiss; illi ma giet ipprezentanta l-ebda ricevuta li turi hlas da parti tal-

attrici; illi ma jidher l-ebda kancellament ta’ l-ipoteka specjali fuq il-fond suggett ghas-subbasta;

9. Illi l-kawza odjerna hija frivola u vessatorja u hija biss tentattiv sabiex tirrallenta l-proceduri ta’ subbasta gja` istitwiti mill-konvenuti *et*;

10. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici.

11. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti a fol. 39 tal-process.

Rat l-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi tal-konvenuti a fol. 42 sa fol. 53 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tat-12 ta’ Dicembru 2007 meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Dr. Frank Cassar talab aktar zmien biex jipprezenta nota responsiva mhux opposta, u l-Qorti tatu erbghin (40) jum minn dan il-verbal bil-*visto* tad-difensur tal-kontro-parti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ April 2008 u wara ghas-6 ta’ Mejju 2008.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-attrici datata 14 ta’ Jannar 2008.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat ir-rikorsi kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi fil-proceduri odjerni, fost talbiet ohra, l-attrici qeghda titlob (i) sabiex il-proceduri tas-subbasta numru 44/02 jigu dikjarati nulli u minghajr ebda effett minhabba non-osservanza ta' proceduri mposti mil-ligi; (ii) minghajr pregudizzju, li l-attrici mhiex debitrici tal-konvenuti. Ghal dan il-konvenuti ressqu diversi eccezzjonijiet ghat-talbiet attrici f'din is-sentenza.

Illi minn ezami tal-atti processwali jirrizultaw li l-attrici Josephine maghrufa bhala Guza Saliba issellfet ammonti ta' flus minghand Ursola Cumbo (illum mejta). Dan is-self sehh f'diversi drabi u ghal diversi ragunijiet. Fit-13 ta' Awissu 1991 gie redatt min-Nutar Pubbliku Dott Joseph Lia kuntratt pubbliku ta' kostituzzjoni ta' debitu. F'dan il-kuntratt Josephine Saliba kkostitwiet ruhha bhala debitrici ta' Ursola Cumbo fl-ammont ta' sitt elef disa' mija u sittin lira Maltin (Lm6,960) rapprezentanti somma li giet mislufa brevi manu minn Ursola Cumbo lill-attrici. F'dan il-kuntratt gie stabbilit il-pagament mensili li kellu jithallas kif ukoll l-imghax. Inoltre' giet istitwita ipoteka generali u specjali fuq in-nofs indiviz tal-fond nru 39, Paola Hill, Paola (Dok. "CE 2" a fol.51 tal-process).

Illi Ursola Cumbo sussegwentement mietet u wliedha pprocedew sabiex jirkupraw il-flus mislufa. Infatti rrizulta li huma (cioe' l-konvenuti odjerni) kienu interpellaw l-attrici ghall-hlas permezz ta' ittra ufficjali datata 20 ta' Dicembru 2000 (fol. 93 tal-process) li giet debitament notifikata lill-attrici. Imbaghad regghu baghtu ittra ufficjali ohra datata 28 ta' Frar 2002 (a fol. 49 tal-process) li giet notifikata lill-attrici fis-6 ta' Marzu 2002 (a fol. 50 tal-process). F'din l-ahhar ittra ufficjali kien hemm indikat li dik l-istess ittra kienet qed tintbaghat sabiex tirrendi l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ezekuttiv.

Illi Josephine Saliba, ghalkemm notifikata, ghal xi raguni jew ohra ma rrispondietx dawn l-ittri biex taghmel l-opposizzjoni taghha.

Illi fl-20 ta' Marzu 2002 gie pprezentat ir-rikors sabiex tigi ffissata gurnata, hin u lok ghall-bejgh in subbasta tal-fond. Fl-24 ta' April 2002 gie ordnat il-bejgh bl-irkant tal-fond in kwistjoni.

Illi fis-27 ta' Mejju 2002 l-attrici pprezentat rikors fl-atti tas-subbasta numru 44/02 fejn talbet it-thassir tal-bejgh bl-irkant tan-nofs indiviz tal-fond in kwistjoni, liema rikors gie michud. Fl-20 ta' Gunju 2003 l-attrici pprezentat il-kawza odjerna b'diversi talbiet.

Illi peress li hemm zewg eccezzjonijiet preliminari jehtieg li l-Qorti tiddisponi minnhom qabel ma tidhol fil-mertu.

Illi fl-ewwel eccezzjoni taghhom il-konvenuti eccepew li l-ewwel talba attrici ghandha tigi skartata peress li qabel ma l-attrici talbet lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-proceduri tas-subbasta nru 44/02 huma nulli u minghajr ebda effett, hija kellha titlob sabiex il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi li s-subbasta in kwistjoni hija nulla u minghajr ebda effett u sussegwentement tordna li tieqaf definittivament u dan *in vista* tal-fatt li l-istess subbasta tinsab illum sospiza.

Illi din l-eccezzjoni qeghda tigi michuda peress li ghalkemm fl-ewwel talba l-attrici ma wzatx l-istess dicitura li semmew il-konvenuti fl-ewwel eccezzjoni taghhom, l-effett ta' l-ewwel talba attrici, f'kaz li din tintlaqa', huwa l-istess li rrilevaw il-konvenuti, cioe' li l-proceduri jkunu nulli bhala konsegwenza anki s-subbasta tkun dikjarata nulla u kwindi jigi ordnat li din tieqaf definittivament *stante* li llum din tinsab sospiza.

Illi t-tieni eccezzjoni preliminari tal-konvenuti hija fis-sens li t-talbiet attrici huma konfuzi. Illi mhux car fejn riedu jaslu l-konvenuti b'din l-eccezzjoni izda din il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghall-**artikolu 156 tal-Kap 12,** tirrileva li dan l-artikolu *"ircieva fil-gurisprudenza taghna interpretazzjoni larga fis-sens li ma giex addottat fir-rigur li donnhom iridu jfissru l-kliem tal-istess disposizzjoni"* ***(Vol.XXIX.I.431;XXXII.I.228;XXXIV.II.502).***

Il-ligi pero' ma tirrikjedix kliem partikolari ghal kif ghandha ssir ic-citazzjoni; bizzejjed jiftiehem x' ikun qieghed jitlob l-attur, b' mod illi l-kawzali tista' tkun espressa lakonikament u sahansitra tista' tkun anke indotta mid-domandi, u jekk ma tkunx cara bizzejjed fic-citazzjoni, bizzejjed tkun spjegata fid-dikjarazzjoni relattiva li, *stante* li ghandha tigi kunsidrata bhala haga wahda mac-citazzjoni ghandha konsegwentement tghin biex ticcara l-kawzali. (***"Av.* Dr.Carlo Moore noe vs ACE Carmelo Fiteni"** – P.A. 15.12.1955; Vol.XLIII.II.748; Vol.XXX.I.228]; Qorti Kumm. [1989] **L-Avukat Dr.Stefan Frendo vs Philip Attard noe**. Vol.LXXIII.IV.972; Vol.LXXIV.II.406). Fil-kaz **"Joseph Sammut et noe vs Lorenza Agius" (**9 ta' Frar 2001) l-Onorabbli Qorti tal-Appell osservat li *"Il-Qrati taghna accettaw biss il-kriterju ta' l-ekwipollenza fil-kazijiet fejn il-kawzali ma tkunx espressa sew fic-citazzjoni, imbaghad tirrizulta mid-dokumenti jew mid-dikjarazzjonijiet fil-kaz ta' kawzali aktarx imfissra lakonikament ("**Calleja vs Av.Dr.J.Herrera"*** 5 ta' Ottubru 1992).

Illi n-ness u t-test importanti huwa dak espress fil-kawza fl-ismijiet "**Emma Scicluna vs Mary Xuereb et"** (Appell 22 ta' Mejju 1967) fejn gie osservat li ghalkemm fic-citazzjoni l-kawzali tkun dedotta b'mod lakoniku, c-citazzjoni ma tkunx nulla jekk il-kawzali tkun imfissra tajjeb, u sakemm ma tkunx difettuza talment li minhabba f'hekk il-konvenut jigi pregudikat ghaliex ma jkunx jista' jiddefendi ruhu (PA. **"Dr. Stefan Frendo noe vs Philip Attard"** P.A. (CS) 19 ta' Gunju 1989). Madankollu il-prassi tal-Qrati nostrali, anke a bazi tal-emendi maghmula bl-**Att XXIV tas-sena 1985**, inkluz il-kontenut tal-**artikolu 175 tal-Kap.12** hija li, *"il-formalizmu esagerat illi hafna gie mnaqqas u limitat u bir-ragun il-ligi qieghda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu u n-nullitajiet ta' diversi forom li jinnutruh"* **"Charles Fino vs Alfred Fabri noe**'" A.C. 28 ta' Frar 1997), u konsegwentement *"l-atti ghandhom jigu salvati anzi che annullati jew dikjarati nulli"* **"Dr.Joseph Ellul vs Jos.G.Coleiro**" (A.C. 24 ta' Jannar 1964); **"Maurizio Urso vs Fr.Charles Cini"** PA (RCP) – 19 ta' Jannar 1999).

Illi n-nullita' tal-att gudizzjarju hija sanzjoni estrema li l-ligi trid timposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att, ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta' gustizzja procedurali. Ghalhekk att ta' citazzjoni ghandu jkun imwaqqa' u annullat biss ghal ragunijiet gravi. **"Alfred Vella et vs Agostino Camilleri"** (P.A. 1997 Vol.LXXXI.III.31).

Illi anki din l-eccezzjoni qeghda tigi michuda *stante* li minn harsa ta' l-eccezzjonijiet jirrizulta li l-konvenuti fehmu sew ic-citazzjoni attrici tant li pprezentaw ghaxar eccezzjonijiet u b'hekk irrizulta li huma bl-ebda mod ma gew ippregudikati. F'dan l-istadju din il-Qorti se tibda tezamina fil-mertu t-talbiet attrici.

**(i) <u>L-Ewwel Talba</u>**

Illi l-attrici qed issostni li l-proceduri tas-subbasta nru 44/02 fl-ismijiet "Carmen Buttigieg et vs Josephine sive Guza Saliba" huma nulli u minghajr ebda effett peress li l-konvenuti naqsu milli jsegwu dak li jiddisponi l-**artikolu 253** u **259 tal-Kap 12** qabel ma gie pprezentat ir-rikors ghall-bejgh bl-irkant tal-fond in kwistjoni.

Illi l-konvenuti eccepew li din it-talba hija *fuori luogo stante* li s-subbasta giet ezegwita *proprio ai termini* ta' l-**artikolu 253 (b)** u dan meta kien hemm kuntratt pubbliku ta' kostituzzjoni ta' debitu. Huma jsostnu li *semmai* kellha tigi istitwita kawza separata mill-attrici sabiex tattakka l-kuntratt. Il-konvenuti eccepew li l-**artikoli 253** u **259 tal-Kap 12** ma jitrattawx il-procedura ghat-tmexxija tal-ezekuzzjoni ta' titoli ezekuttivi.

Illi l-**artikolu 253 tal-Kap 12** jelenka liema huma t-titoli esekuttivi, fosthom fis-sub-artikolu (b) hemm:

*"il-kuntratti rcevuti minn nutar pubbliku ta' Malta, jew minn ufficjal pubbliku iehor awtorizzat li jircevihom, meta l-kuntratt huwa dwar dejn cert, likwidu u li ghalaq, u ma jikkonsistix f'esekuzzjoni ta' fatt;"*

Illi relatat ma’ dan l-artikolu jrid jinqara wkoll l-**artikolu 256 (2)** li jipprovdi:-

*“(2) L-esekuzzjoni ta’ kull titolu esekuttiv iehor ma tistax issir hlief jumejn ghall-anqas min-notifika ta’ sejha ghall-hlas maghmula b’att gudizzjarju”.*

Illi l-konvenuti sostnew li ladarba fil-kaz odjern kien hemm kuntratt redatt quddiem nutar pubbliku ghal debitu li huwa cert, likwidu u dovut, dan seta’ jigi rez esekuttiv biss jumejn wara s-servizz ta’ intimazzjoni ghall-hlas permezz ta’ att gudizzjarju.

Illi fil-fatt huwa inkontestat li bejn Guza Saliba u l-mejta Ursola Cumbo sar kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu (a fol. 85 tal-process) fejn kien hemm indikat li *“Josephine Saliba qeghda tiddikjara ruhha vera, certa u likwida debitrici lejn il-komparenti Ursola Cumbo accettanti fis-somma ta’ sitt elef disa’ mija u sittin lira (Lm6960) rappresentanti somma li giet mislufa brevi manu, restitwibbli f’rata mensili ta’ hamsin lira kull pagament, l-ewwel pagament isir fl-ahhar ta’ Awissu ta’ din is-sena korrenti u l-pagament l-ohra kull xahar wara, bla interruzzjoni, u bl-imghax ta’ erbgha fil-mija (4%) fis-sena, b’dan illi jekk il-komparenti Josephine Saliba tonqos minn pagament wiehed, jibda jiddekorri l-imghax ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena. F’kaz ukoll tal-imsemmija morosita’ jintilef il-beneficcju tat-terminu”.*

Illi kif irrizulta car ghalhekk dan il-kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu huwa kuntratt li jikkwalifika taht l-**artikolu 253 tal-Kap 12.** Irrizulta mill-provi li l-konvenuti kienu interpellaw l-attrici ghall-hlas permezz ta’ ittra ufficjali datata 20 ta’ Dicembru 2000 (a fol. 93 tal-process) u ohra datata 28 ta’ Frar 2002 (a fol 49 tal-process). Din l-ittra ufficjali ta’ l-ahhar ipprecediet ir-rikors ghal subbasta li gie pprezentat nhar l-20 ta’ Marzu 2002. Dawn l-ittri ufficjali gew debitament notifikati lill-attrici li ma ghamlet l-ebda opposizzjoni. Kwindi, jekk wiehed ihares biss lejn dan l-**artikolu 253** abbinat mal-**artikolu 256 (2) tal-Kap 12** din l-ittra ufficjali kienet bizzejjed, kif qed isostnu tajjeb il-konvenuti, bhala att gudizzjarju kif mitlub mis-subartikolu

**256 (2) tal-Kap 12** u ma kellhomx ghalfejn jistitwixxu ebda procedura ohra.

Illi l-attrici sostniet li l-konvenuti naqsu li jsegwu l-**artikolu 259.** Ghalkemm mhux specifikat jidher li l-attrici qeghda tirreferi ghas-**sub-artikolu (4).** Infatti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha l-attrici sostniet li fejn l-eredi tal-kreditur ikunu jridu l-ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv kontra d-debitur, dawn iridu jipprezentaw rikors, li ghandu jigi notifikat lid-debitur, fejn jitolbu l-Qorti sabiex jigi ezegwit tali titolu ezekuttiv. L-**artikolu 259 (4)** jipprovdi:-

*"(4) L-eredi, successuri jew cessjonarji tal-kredituri jistghu jaghmlu rikors li jigi notifikat lid-debitur, lill-eredi, successuri jew cessjonarji tieghu u, fejn jitolbu lill-qorti sabiex jigi esegwit kull titolu ezekuttiv f'isem il-kreditur ukoll jekk ma jkunx skada z-zmien imsemmi fl-artikolu ta' qabel dan. Dan ir-rikors ghandu jintlaqa' mill-qorti jekk din tkun sodisfatta illi:-*

*(a) Ir-rikorrenti huma l-unici eredi, successuri jew cessjonarji tal-kreditur;*
*(b) it-titolu ezekuttiv ghadu jiswa dwar dak li jkun qed jintalab; u*
*(c) il-persuni li tkun qed tintalab l-ezekuzzjoni kontrihom ikunu d-debitur, jew l-eredi, successuri jew cessjonarji tieghu."*

Illi b'referenza ghall-**artikolu 258 tal-Kap 12** fiz-zmien li giet prezentata c-citazzjoni odjerna (21 ta' Jannar 2003) l-artikolu kien jipprovdi:-

*"Wara l-gheluq ta' hames snin minn dak in-nhar li fih skond il-ligi it-titolu ezekuttiv imsemmi fl-artikolu 253 seta' jigi esegwit, l-ezekuzzjoni tista' ssir biss wara talba maghmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrenti ghandu wkoll jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-ezekuzzjoni taghha, u d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut".*

Illi fl-ewwel lok jinghad li jirrizulta li l-konvenuti pprocedew *ai termini* ta' l-**artikolu 256 (2) tal-Kap 12** biex b'hekk il-

kuntratt gie rez ezekuttiv bl-ittri ufficjali tal-20 ta' Dicembru 2000 (a fol. 93 tal-process) u ohra datata 28 ta' Frar 2002 (a fol 49 tal-process) u allura t-terminu ta' hames snin ghandu jigi kkalkulat mill-istess ittra jew ittri ufficjali u dan peress li kien minn dak it-terminu li l-istess kuntratt setgha jigi esegwiet skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 258.**

Illi l-istess **artikolu 259** jipprovdi ghal tmexxija ghall-esekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv meta d-debitur huwa mejjet. F'dan il-kaz il-ligi fis-**sub-artikolu (1) tal-artikolu 259** tipprovdi b'mod tassattiv li r-rikors imsemmi fl-**artikolu 258** *"hu dejjem mehtieg".* Filwaqt li fis-**sub-artikolu (4) ta' l-artikolu 259** li jipprovdi f'kazijiet fejn il-kreditur huwa mejjet (bhal fil-kaz odjern) il-ligi tghid *"jistghu jaghmlu rikors"* u din il-Qorti thoss li f'dan il-kaz il-prezentata ta' l-istess rikors hija biss fakoltattiva ghall-istess eredi u dan johrog mill-kliem stess tal-ligi. Ghalhekk ghar-ragunijiet premessi l-ewwel talba attrici ma tistax tintlaqa'.

**(ii) <u>It-Tieni Talba</u>**

Illi l-attrici qeghda titlob dikjarazzjoni li hija m'hijiex debitrici tal-konvenuti u b'hekk ghandha tigi ordnata r-revoka tas-subbasta nru 44/02.

Illi l-attrici u bintha Rita Farrugia xehdu fis-sens li d-debitu dovut lil Ursola Cumbo kien imhallas kollu ghajr €163.06 (Lm70), li kienu qed jinzammu mill-attrici sakemm jigi rritornat id-deheb li hija kienet tat bhala rahan lill-istess Ursola Cumbo, liema deheb baqa' ma giex ritornat. L-attrici xehdet li hija kienet tghaddi l-pagamenti ta' €465.87 (Lm200) fix-xahar lil Ursola Cumbo. Hija qalet *"L-ahhar pagament li tajtha kien ta'* €69.88 *(Lm30) fil-prezenza ta' binti Rita. Dakinhar kienet zammitli l-ktieb fejn kienet tiffirmali meta kont naghmel pagament. Ghidtilha biex immorru ghand in-nutar biex jithassar il-kuntratt. Hija weghditni li konna ser immorru. Sfortunatament Sosa lahqet mietet u l-ktieb baqa' ghandha".* L-attrici allegat ukoll li f'dan id-debitu kien hemm ukoll elementi ta' uzura qawwija.

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva li l-prova tal-pagament trid issir minn min jallegaha. Hawnhekk issir referenza ghas-sentenza **“Lombard Bank Malta plc vs H.Vassallo & Sons Ltd et”** (App Nru: 172/2004 – 29 ta’ Frar 2008) fejn gie ritenut:-

*“Hu principju mhux kontrastat in materja in fatti illi ‘la prova del pagamento e’ a peso del convenuto che lo allega’, kif kienet iddecidiet il-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha tat-28 ta’ Mejju, 1885, fil-kawza Negte Michele Apap noe s Giuseppe Grech. Fil-gurisprudenza taghna gie kostantament ritenut li l-piz tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenut li jallegah, u li jekk ikun hemm xi dubju, dak id-dubju ghandu jigi rizolut favur l-attur (Vol XXXV.iii.604)”*

Illi l-attrici naqset li taghmel din il-prova tal-pagament. Mill-provi rrizulta li kien hemm il-kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu fejn l-attrici u l-mejta Ursola Cumbo. In-Nutar Joseph Lia li rrediga l-istess kuntratt xehed li kien huwa li ssuggerixxa li jkun hemm kostituzzjoni ta’ ipoteka bhala sigurta’ addizzjonali favur Ursola Cumbo. Huwa kkonferma li qara l-kontenut tal-kuntratt lill-partijiet qabel ma dan gie ffirmat u xehed ukoll li ma kenitx l-ewwel darba li l-attrici u Ursola Cumbo kienu marru ghandu flimkien.

Illi l-attrici ma pprezentat l-ebda ircevuti jew il-ktieb li semmiet tal-hlas li hija xehdet li ghamlet. Hija kienet konxja li kien sar il-kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu fejn hija ipotekat nofs indiviz tal-fond numru 39, Paola Hill, Paola u b’hekk kellha kull interess li tiehu l-proceduri idonei sabiex tissalvagwardja d-drittijiet taghha. Id-dokumenti prezentati mill-konvenuti juru li l-attrici kienet issellfet diversi ammonti ta’ flus minghand Ursola Cumbo izda ma jitfax dawl gdid fuq il-kaz odjern.

Illi l-allegazzjonijiet tal-attrici li hija ma kenitx taf li l-ammont indikat fl-iskrittura kien ta’ €16,212.44 (Lm6,960) u mhux ta’ €6,988.12 (Lm3,000) li skond hi kien fadlilha taghti, kif ukoll l-element ta’ uzura huma ghal kollox fiergha. Jekk l-attrici hasset li l-kuntratt redatt kien wiehed

vizzjat hija setghet dejjem tikkontesta l-validita' tieghu. Izda hija ghazlet li ma tattakkax tali kuntratt. Kwindi sakemm dan il-kuntratt pubbliku ma jigix attakkat, rexiss jew b'xi mod ikkancellat, l-istess kuntratt ghandu jitqies li baqa' vigenti u li jorbot lill-partijiet. Konsegwentement din it-tieni talba wkoll qed tigi michuda.

**(iii) <u>It-Tielet Talba</u>**

Illi din it-talba qeghda tintlaqa' *stante* li mhux kontestat li l-bejgh bl-irkant tal-fond in kwistjoni ghandu jigi ordnat biss fuq nofs indiviz tal-fond. Infatti jirrizulta li l-konvenuti stess fl-atti tas-subbasta pprezentaw nota li biha ddikjaraw li l-bejgh ordnat ghandu jsir biss fil-kuntest tas-sehem indiviz appartenenti lil Josephine Saliba (kif garantit fil-kuntratt) u mhux tal-fond kollu kif kien indikat fit-talba tar-rikors tas-subbasta. Inoltre' fil-mori ta' din il-kawza giet ukoll prezentata kopja ta' ipoteka specjali favur il-konvenuti ta' nofs indiviz tal-fond (Dok. "CE2" a fol 51 tal-process).

**(iv) <u>Ir-Raba' u l-Hames Talbiet</u>**

Illi l-attrici qeghda titlob li jigi rritornat lilha d-deheb kollu li hija kkonsenjat lil Ursola Cumbo bhala rahan; u fin-nuqqas ta' dan titlob li tigi likwidata somma flus bhala l-valur ta' dan id-deheb.

Illi din il-Qorti thoss li lanqas din il-pretensjoni ma giet ippruvata u jirrzilta li minkejja dak allegat dwar dan ma jissemma xejn mill-attrici lanqas fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu u l-provi l-ohra prodotti mhux tali sabiex iwasslu ghall-konvinciment morali rikjest sabiex l-allegazzjoni attrici f'dan ir-rigward jistghu b'xi mod jigu kkunsidrati bhala ppruvati u ghalhekk anke dawn it-talbiet attrici qed jigu michuda.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li **tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa' l-eccezzjonijiet l-ohra biss in kwantu kompatibbli ma' dak hawn deciz,**

**u fil-waqt li tichad l-ewwel, it-tieni, r-raba' u l-hames talba attrici, tilqa' t-tielet talba attrici** b'dan illi:-

1) Tiddikjara li l-bejgh bl-irkant tal-fond ghandu jkun limitat fuq in-nofs indiviz tal-fond numru 39, Paola Hill, Paola peress li n-nofs l-iehor huwa proprjeta' ta' wlied l-attrici bhala eredi ta' missierhom Paul Saliba li miet fit-28 ta' Mejju 1990.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------